# Tmien żoni ġodda għall-protezzjoni tal-ħlejjaq tal-baħar madwar il-gżejjer Maltin

Malta qed tipproponi tmien żoni ġodda li joffru protezzjoni lill-ħlejjaq marittimi madwar il-gżejjer Maltin. Dawn iż-żoni jkopru b'kollox 3450 kilometru kwadru.

Iż-żoni ġodda se jiżdiedu mal-ħames siti l-oħra tan-Natura 2000 li jeżistu diġà fl-ibħra Maltin.

Dawn iż-żoni ġodda jinsabu lil hinn mill-kosta immedjata iżda jagħmlu parti miż-żona marittima ta' 25 mil nawtiku ta' Malta.

Ħamsa mis-siti l-ġodda huma maħsuba għall-ħarsien tal-għasafar tal-baħar, sit ieħor hu maħsub għall-protezzjoni tal-fkieren, filwaqt li żewġ żoni oħra se jħarsu lill-għasafar tal-baħar, fkieren u dniefel.